# Il-Ferrovija

*minn Ivan Bugeja*

F'din il-ġabra qasira se nagħti ħarsa lejn il-ferrovija u dan għaliex sal-lum għadha teżisti rabta kbira bejn dan il-mezz ta' transport u l-Ħamrun. Niftakar lin-nanna tiegħi, Mary Agius tirrakkonta dwarha u saħansitra kienet anki toħroġni fil-bitħa fil-parti mlaqqma 'Il-Linja' biex turini minn fejn kienet tgħaddi l-ferrovija meta kienet għadha fl-aqwa tagħha. Tifkira ħajja tal-ferrovija fil-Ħamrun huwa l-istazzjon hekk imsejjaħ 'Ċentrali' li għadu wieqaf sal-lum.



Kollox beda fl-1870 meta l-proġett kien propost minn J. Scott Tucker. Għalhekk tliet snin wara kien inħatar kumitat biex jagħżel wieħed miż-żewġ proġetti proposti minn Andrews u Hutchinson. Fl-1874 kienu saru proposti oħra minn Giuseppe Mirabita u Scott Tucker, imma finalment kien il-proġett ta' Richard Gervase Elwes li kien magħżul, bil-kuntratt jsir fit-28 ta' Lulju 1880. Il-proġett kien inawgurat mill-maniġer tal-kumpanija Frank Geneste nhar it-28 ta' Frar 1883 b'ċerimonja fl-istazzjon tal-Belt Valletta. Wara sar it-tberik mill-Arċisqof Scicluna u aktar tard l-ewwel vjaġġ għall-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż mill-Belt sal-istazzjon Notabile fir-Rabat u lura.

Biex dan il-proġett twettaq kienu nxtraw madwar 117-il biċċa art għas-somma ta' £ 5,000 sabiex fuqhom tinbena l-infrastruttura. Fil-Ħamrun ittieħdu xejn inqas minn disa` biċċiet fosthom dik "Ta' Blakas" nhar it-8 ta' Frar 1882 għal £55 mingħand T. Bonnici, "Bur tal-Għalqa l-Ħamra" minn għand Dr. G. Fenech għal £39 nhar id-19 ta' Jannar 1882 u "Tal-Funtanier" fit-27 ta' Jannar 1882 għal £4 mingħand C. Falzon. Fit-30 ta' Jannar 1882, ittieħdu "Ta' Cincina u Ta' Braxia" għal £49.10.0d mingħand Marquis E. Scicluna u fit-8 t'Awwissu 1882, "Ta' Misraħ il-Barrieri" għal £24 minn għand A. Catania. Ma' dawn, fid-9 t'Awwissu 1882 ittieħdu wkoll "Ta' Misraħ il-Barrieri" għal £24 mingħand C. Grech u A. Cremona u biċċa art oħra fi Triq San Ġużepp għal £70 mingħand R. Curmi. Din ittieħdet nhar it-2 ta' Settmebru 1882. Imbagħad nhar is-6 ta' Ġunju 1883 ittieħdet "Ta' Zelfa" għal £2.6s0d mingħand N. Gauci Azzopardi, S. Agius u G. Vella. Ix-xogħol kellu jkun lest sa Lulju 1882 u kien jinkludi t-tqattiegħ tal-blat u mini, il-bini tal-istazzjonijet, pontijiet, ħitan u t-tqegħid tal-linji. Il-rotta kellha tul ta' madwar 12-il kilometru, bil-vjaġġ jibda mill-istazzjon tal-Belt, għall-Furjana, lejn l-istazzjon Ċentrali tal-Ħamrun, għal Birkirkara, San

*ikompli f'paġna 57*

Antonio, Ħ'Attard, San Salvatore u Notabile fir-Rabat. Snin wara l-1900 ir-rotta tkompliet sal-Imtarfa billi saret mina taħt l-Imdina u nbena l-istazzjon Museum.




Il-kumpanija twaqqfet fl-1876 b'kapital ta' £100,000 u sal-ewwel sena tagħha kienet diġa ġarret `il fuq min-nofs miljun passiġġier. Fl-aqwa tagħha, ta' kuljum il-ferrovija kienet tagħmel madwar tlettax-il vjaġġ bejn il-Belt u l-Imtarfa u tlieta bejn il-Belt u Ħ'Attard, il-Belt u Birkirkara u l-Belt u l-Ħamrun. Il-vjaġġ mill-Belt sal-Imtarfa kien jieħu madwar 65 minuta u tul it-48 sena tagħha l-ferrovija ġarret total ta' 38,475,518 passiġġier. Tajjeb ngħidu li n-nollijiet kienu jvajraw skond il-klassijiet u ż-żoni bl-aktar wieħed għoli jkun dak tal-Ewwel Klassi (bejn 4d. u 10d.) u l-irħas dak tal-ħaddiema b'1d. għaż-żoni kollha.

Mal-medda tas-snin il-popolarita` tal-ferrovija naqset bil-konsegwenza li l-kumpanija bdiet sejra lura. Fl-1887 is-servizz ma baqax regolari, sakemm nhar l-1 t'April 1890 il-kumpanija kienet iddikjarata falluta mill-gvern. Is-servizz kompla sentejn wara b'investiment ta' £8,000 mill-gvern. Iżda mal-wasla tat-tramm u l-karozzi tal-linja, il-ferrovija kompliet sejra aktar lura u bejn l-1920 u l-1930 it-telf kien laħħaq għal £44,900. Fl-1828 kien sar tentattiv biex is-servizz ikun privatizzat u aktar tard ieħor biex jieqaf is-servizz u minflok isir triq ġdida għall-karozzi u b'hekk tonqos il-konġestjoni fi Triq San Ġużepp il-Ħamrun. F'Ġunju 1930 l-affarijiet komplew sejrin għall-agħar bin-numru ta' passiġġieri jonqos b'madwar 78,000 fix-xahar. Xi xhur wara kienu saru tentattivi sabiex is-servizz ikun salvat fejn anki kien propost ix-xiri ta' magna ġdida. Dan kollu ma sewa xejn u f'Jannar tal-1931 is-servizz tnaqqas kważi għal kollox. L-aħħar vjaġġ sar nhar il-31 ta' Marzu 1931 fejn dakinhar kienu saru l-aħħar vjaġġi bejn il-Belt u l-Imtarfa.



Matul is-snin seħħew numru t'inċidenti fosthom nhar id-29 ta' Marzu 1886 fejn il-baħri James Rockford, miet mgħaffeġ minn

*ikompli f'paġna 59*

vagun fl-istazzjoni tal-Belt. Fl-20 ta' Marzu 1889 il-boiler tal-ferrovija ġarrab ħsarat waqt li kienet fil-mina tal-Furjana u fit-22 ta' Jannar 1906 Rosaria Bugeja ttajret fl-istazzjon ta' B'kara. Fl-1906 Maria Caruana ġarrbet ġrieħi wara li tkaxkret taħt il-ferrovija f'B'Kara u fis-26 ta' Frar 1906 mara mietet fl-istazzjon tal-Ħamrun wara li waqgħet minn fuq il-ferrovija. Nhar is-27 t'April 1914 raġel miet imtajjar waqt li kien miexi jaqra l-gazzetta qrib l-istazzjon ta' B'Kara. Waqt l-Ewwel Gwerra Elena Reynaud spiċċat bla saqajn u mietet wara li ntlaqtet qrib l-istazzjon tal-Belt. Imbagħad fid-9 ta' Jannar 1917 Harold Bailey, Mrs. Carlsberg u Mrs. Price weġġgħu wara li ħabtu bit-mutur mal-ferrovija u fil-15 ta' Frar 1918 Lorenzo Sammut miet wara li waqa` bejn żewġ vaguni fl-istazzjon ta' B'Kara. Fit-18 ta' Novembru 1918 Carmelo Zerafa miet fl-istazzjon ta' B'Kara wara li waqa` minn fuq il-ferrovija u fit-12 ta' Mejju 1919 tifel intlaqat ħdejn l-istazzjon San Salvatore. Nhar it-22 ta' Lulju 1923 erbgħa u tletin barri, proprjeta` ta' Carmelo Chetcuti nqatlu wara li ttajru fil-Ħamrun qrib Misraħ il-Barrieri. Fl-20 ta' Marzu 1928 Giovanni Attard Lisano ntlaqat fl-istazzjon Notabile, sabiex imbagħad fl-aħħar għaxar snin tal-ferrovija seħħew tliet inċidenti oħra fejn Marianna Refalo spiċċat bla swaba` waqt li kienet fl-istazzjon tal-Belt, Maria Elena Scicluna ntlaqtet ħafif fl-Imdina u Carmelo Degorgio miet wara li ntlaqat fil-Ħamrun. Kas interessanti kien meta l-ferrovija kienet kważi ħabtet mat-tramm qrib l-istazzjon ta' B'Kara.



Bla dubju wieħed mill-aktar stazzjonijiet importanti kien dak tal-Ħamrun. Dan l-istazzjoni kien jikkonsisti f'sala żgħira għall-passiġġieri, kamra għall-bagalji, uffiċċju tal-biljetti, ieħor għall-amministrazzjoni u latrina. L-istazzjon kellu żewġ pjattaformi għal immaniġġjar tal-passiġġieri. Kien hemm ukoll erba` linji, tnejn biex topera l-ferrovija u tnejn oħra li kienu jwasslu lejn il-ħwienet tal-manutenzjoni. Ix-xogħol kollu tal-manutenzjoni u tiswija, it-tindif tal-makni u tal-vaguni u t-tagħbija tal-faħam kienu jsiru hemm hekk ukoll u għalhekk bejn April 1890 u Frar 1892 kienu nbnew żewġ ħwienet tal-inġinerija sabiex fihom isir ix-xogħol u anki jinżammu l-magni u l-vaguni. Il-ħwienet kienu mgħammra bl-aħjar għodda possibbli fosthom tornijiet, trapan armat fuq bank, magna li tirriborja, martell tal-pressa u funderija. Fl-1903 kien sar tkabbir ieħor u fihom żdiedu foreman fitter, żewġ ħaddiema tal-boilers, zewġ mastrudaxxi, tnejn għall-forom tal-ħadid, electrician, landier, żebbiegħ u storekeeper. Magħhom kien hemm numru t'apprestisti mill-iskola teknika tal-ferrovija.

*ikompli f'paġna 61*



Il-bini tal-magni kien fdat f'idejn numru ta' kumpaniji , fosthom il-Manning Wardle Ltd. li bniet il-makni Nru. 1 '842' (31 t'Ottubru 1882), in-Nru. 2 '843' (20 ta' Diċembru 1882), in-Nru. 3 '844' (10 ta' Marzu 1883), in-Nru. 5 '1243' (21 ta' Diċembru 1891) u n-Nru. 6 '1261' (26 ta' Settembru 1892). Il-kumpanija Black, Hawthorn & Co. Ltd bniet in-Nru. 4 '753' li waslet Malta fl-1884. Imbagħad Beyer Peacock & Co. bnew in-Nru. 7 '3678' li waslet fl-1895, in-Nru. 8 '3852' li waslet fl-1896, in-Nru. 9 '4162' li nġiebet fl-1899 u n-Nru. 10 '4719' fl-1905. Il-magni kienu ta' lewn aħdar skur, l-istruttura tal-ħadid ta' taħt u r-roti suwed, filwaqt li x-shock absorbers ta' wara u quddiem kienu ħomor. Il-vaguni nbnew mill-kumpanija Oldbury & Co. b'wieħed lussuż tal-Ewwel Klassi, disgħa tat-Tielet Klassi u wieħed għall-ħaddiema. Brown Marshall & Co. bniet tnejn tal-Ewwel Klassi, tnejn tat-Tielet Klassi u tnejn għall-merkanzija. Swansea Wagon Co. bniet wieħed tal-Ewwel/Tieni Klassi, erbgħa tat-Tielet Klassi, u tlieta għall-ħaddiema, filwaqt li l-kumpanija Metropolitan & Co. bniet erbgħa tat-Tielet Klassi, tnejn għall-ħaddiema u tnejn oħra għall-merkanzija.




Nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lis-Sur Michael Cassar talli ġentilment tani l-permess sabiex nagħmel użu mir-ritratti tiegħu. Fl-aħħar nett nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil Ħamruniżi kollha tal-parroċċa tagħna.